**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 12/15(15_12_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-9 ta' Diċembru 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.
6. Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Assistent Uffiċjal Prinċipali.
7. Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
8. Attivitajiet Milied 2015.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti taż-żewġ laqgħat preċedenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 33/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Direttiva – Ftehim mal-Iskemi dwar Ġbir ta' Skart Separat'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 34/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti dwar Latrini Pubbliċi'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 35/2015 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Talbiet għal Servizzi mill-MITA (Malta Information Technology Agency)'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Case 564/15 – Kunsill San Ġiljan – Legal Notice No. 441.04 Artiklu 5 u 6'.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju tal-President ta' Malta – Gozo Office rigward iż-żjara fil-Munxar tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta, fid-19 ta' Diċembru 2015.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Events Administrator and Organiser, Taqsima Festi Rurali, Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima rigward 'Christmas Village in aid of l-Istrina 2015', fl-Għammieri, fl-20 ta' Diċembru 2015.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sister Cities International fejn ingħatat informazzjoni dwarhom u l-ħidma tagħhom.

2.08 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-OASI Foundation għar-Riċeviment tal-Milied fit-22 ta' Diċembru 2015, fiċ-Ċentru OASI.

2.09 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Federazzjoni Għawdxija għall-Persuni b'Diżabilità (FGĦPD) għas-*Seminar* bit-tema 'Id-Diżabilità, Kultura u Sport', fil-11 ta' Diċembru 2015, fl-iskola Primarja, Ta' Sannat.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta fi Triq il-Munxar rigward żvilupp li għadu kemm beda, li jmiss ma' Ġnien Ragalna. Din il-persuna qed titlob lill-Kunsill sabiex jara li dan l-iżviluppatur jimxi mal-permessi.
Qabel ma beda x-xogħol, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-perit tal-iżviluppatur u l-Perit John Saliba fejn kien hemm qbil li jsir *condition report* u *works method statement*. Dwar jekk l-iżviluppatur huwiex jimxi mal-permess, din issir mill-MEPA u mhux mill-Kunsill.

3.02 Il-Kunsill irċieva talba mingħand Sid is-Supermarket Lighthouse ta' Triq il-Profs. Ġużè Aquilina sabiex isir *loading/unloading* quddiem il-bieb. Kien hemm qbil dwar dan u ser issir it-talba lil Transport Malta.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident fi Triq ir-Rumani fejn qed tikkumplimenta dwar it-tiżjin tal-Milied li sar fix-Xlendi.

3.04 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid il-proprjetà li nbniet fi Triq il-Munxar. Dan qed jitlob sabiex issir bankina ġdida quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill kien se jirreferi din it-talba lis-CMU sabiex issir minnhom.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Motocross Association fejn qed tirringrazzja lill-Kunsill tal-għajnuna li ta sabiex issir l-attività Extreme...Trails & Enduro li saret fil-Pjazza tal-Knisja fit-13 ta' Diċembru 2015.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġejna infurmati li s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali flimkien mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ser jestendu l-proġett tal-Wifi Access Points installati f'postijiet pubbliċi bil-għan li jħajru iktar l-użu tal-*internet* fil-lokalitajiet f'żoni barra.
Għalhekk qegħdin jiġu offruti żewġ *access points* oħra lil kull Kunsill Lokali. Dan is-servizz ser ikun imħallas kollu mill-Gvern Ċentrali u mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Il-Kunsill ġie mitlub jindika fejn hu l-aħjar post ta' fejn għandhom jiġu installati dawn l-*access points*, tnejn oħra għal kull lokalità. Ġie deċiż li *access point* issir qrib il-Pjazza tal-Knisja u l-oħra issir fit-tarf ta' Triq San Xmun.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 12/15(15_12_15).

**5.00 Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.**

5.01 Il-Kunsill għamel avviż fil-fuljett 'Leħen il-Kunsill' sabiex dawk iż-żgħażagħ ta' bejn is-sittax u tmintax-il sena li huma residenti fil-Munxar u Ix-Xlendi u li huma interessati jistgħu japplikaw sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015. Sfortunatament, ħadd ma applika.

Għaldaqstant, ġie deċiż li jiġu avviċinati żgħażagħ li jistgħu jkunu adattati għal dan il-post.

**6.00 Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Assistent Uffiċjal Prinċipali.**

6.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali. Is-Sindku ppreżentat ir-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali tingħata *bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarja tal-Kunsilli Lokali. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**7.00 Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.**

7.01 Il-Bord tal-Għażla għadu ma ltaqax peress li dan ix-xahar huwa l-aktar xahar impenjattiv b'attivitajiet tal-Kunsill. Il-Bord ser ikun kompost mill-membri kollha tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv, fejn is-Sinjura Carmen Said ser tkun iċ-*Chairperson* tal-Bord, il-Kunsilliera membri tal-Bord u s-Segretarju Eżekuttiv, is-segretarju u membru tal-Bord.

**8.00 Attivitajiet Milied 2015.**

8.01 L-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta ser tkun qed iżżur il-lokalità tal-Munxar nhar is-Sibt, 19 ta' Diċembru 2015 bejn id-9.25 ta' filgħodu u l-10.15 ta' filgħodu. Matul dawn il-ħinijiet ser tkun fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.
Waqt iż-żjara tagħha, il-Kunsill flimkien mal-Parroċċa ser nippreżentawlha d-donazzjonijiet li jkunu nġabru b'risq il-Community Chest Fund.

8.02 Ser tittella' varjetà għat-tfal tal-Munxar u Ix-Xlendi fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din l-attività ser issir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Diċembru 2015, fid-9.30 ta' filgħodu. Waqt din il-varjetà ser ikun hemm *animation*, ikel, xorb u logħob għat-tfal. Ser jingħata ktieb bħala rigal lit-tfal kollha preżenti. L-*animation* tal-attività ser ikun f'idejn Jump Malta għall-prezz ta' €295.

**9.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

9.01 Bħalissa x-xogħlijiet huma wieqfa peress li l-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex qegħdin bil-*vacation leave*.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali mal-Kappillan dwar l-attivitajiet ta' Jum Il-Munxar 2015, ix-*show* tal-muturi u ż-żjara tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta. L-għotja li se tingħata għall-Istrina 2015 ser tinġabar waqt ix-*show* tal-muturi u minn kaxxa tal-offerti li ser titqiegħed fil-Knisja.

Saru laqgħat maż-żgħażagħ dwar il-*bar* waqt ix-*show* tal-muturi u laqgħat mas-Supretendent dwar ix-*show* tal-muturi.

10.02 Il-Kunsill organizza *talk* minn Rappreżentant tal-WasteServ Malta Ltd u qassam il-boroż il-griżi lil dawk preżenti.

10.03 Is-Sindku attendiet għal laqgħa fil-Kunsill Lokali Għarb fejn is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Stefan Buontempo għadda d-devoluzzjoni tal-lampi lir-Reġjun Għawdex.

10.04 Is-Sindku rrimarkat dwar tliet attivitajiet li kienu għadhom kemm saru mill-Kunsill: il-Ħarġa tal-Kunċizzjoni, il-Quddiesa u Serata ta' Jum Il-Munxar 2015 u x-*Show* Spettakulari ta' Muturi. Dawn it-tliet attivitajiet kienu suċċess u dan jixhdu mill-attendenza numeruża.

10.05 Il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi ngħatat premju għar-restawr li sar. Dan il-premju ngħata minn Din l-Art Ħelwa.

10.06 Il-Kunsill organizza laqgħa mas-sid li ser jiżviluppa *plot* maġenb Ġnien Ragalna. Għal din il-laqgħa kien preżenti l-Perit Edward Scerri u l-Perit John Saliba għan-nom tal-Kunsill. L-iżviluppatur intalab sabiex qabel ma jibda x-xogħol irid isir *condition report* tal-passaġġ u *method statement* tax-xogħlijiet.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar kwotazzjonijiet għall-*animation* li ser isir waqt il-varjetà tal-Milied għat-tfal. Din ser issir fit-30 ta' Diċembru 2015 mill-10 ta' filgħodu sa nofsinhar minn Jump Malta. Huma kkwotaw għal żewġ *animators* li ser jilagħbu logħob interessanti u jiżfnu mat-tfal fejn l-istess programm jinkludi *karaoke*. Ser ikun hemm ukoll *face painting* u *glitter tattoos.* Fil-11.30 ta' filgħodu jasal Santa Claus u jagħti r-regali, ipprovduti mill-Kunsill, lit-tfal. Fl-aħħar tletin minuta ser ikun hemm *balloon modelling* sabiex it-tfal ikunu jistgħu jieħdu bużżieqa f'forma ta' kelb, xapla, fjura eċċ. magħhom id-dar. Il-prezz ser ikun ta' €295 għal erbgħin tifel/tifla.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sur Damien Spiteri fakkar lill-Kunsill dwar il-qtugħ ta' ħaxix ħażin ta' Triq il-Kappar.

Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li bħalissa l-bokka tax-*shelter* hija mgħollija bil-*pellets* u qed ikerrhu l-post u ta' periklu.

Huwa ġie infurmat li bħalissa ma hemmx fondi biex jitranġaw il-bokok tax-*shelter*.

12.02 Is-Sur Robert Mallia informa lill-Kunsill li l-bankijiet tal-*concrete* l-ġodda ġew imħarrka bil-maltemp.

Huwa fakkar dwar it-talba sabiex isiru *bollards* fi Triq San Pawl u rrimarka dwar żibel li qed jintefa' madwar il-*bring-in-sites*.

Is-Sindku infurmatu li l-bankijiet tpoġġew f'posthom mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex, iżda bank waqa' l-baħar u ieħor tfarrak fuq il-blat. Dwar il-*bollards* il-Kunsill talab permess lil Transport Malta. Il-Kunsill ser jiltaqa' ma' Green MT rigward żibel li qed jintefa' maġenb il-*bring-in-sites*. Il-Kunsill se jissuġġerixxi li jitneħħew il-*bring-in-sites* u minflok issir ġabra tal-boroż il-griżi kull nhar ta' Ħamis.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2016, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***